# CELEBRAZZJONIJIET TAL-GIMGHA

# MQADDSA GEWWA .......................

## ISCHIA

Il-festa tal-Madonna ta' l-Addolorata tibda il-Hamis ta' Gimghatejn qabel l-Ghid il-Kbir bin- Novena bhala bidu tac-celebrazzjoni tal-festa. Il-jum tal-festa huwa jum ta' penitenza u sawm. Id-devoti kollha jmorru il-quddies biex imbaghad wara l-quddiesa solenni tal-10 jippartecipaw ghall-processjoni fil-11.00. li iddur mat-toroq principal tal-pajjiz. Wara nofs inhar ta' l-istess jum issir ic-celebrazzjoni tat-tlett sighat ta' Marija dezolata bil-kant sagru u mumenti ta' riflessjonijiet fuq is-seba duluri.

Il-lejla ta' Hadd il-Palm tinzamm it-tradizzjonali bewsa tal-mant fejn il-poplu wiehed wihed jghaddi jbus il-mant tad-Duluri.

F'Sibt il-Ghid, meta tispicca il-liturgija tal-lejl, l-immagini tal-Madonna tigi nkurunata bil-fjuri mal-kant tar-Regina Coeli. L-istatwa tad-duluri hija imnaqqxa fl-injam u l-mant taghha huwa rakmat bid-deheb u mahdum bi still barokk. Attwalment jezistu tlett ilbiesi ta' l-Addolorata; wiehed minnhom hu xoghol antik u mahdum hekk kif spiccat il-gwerra, fis-sena 1953; fuq il-libsa hemm irrakmanti simboli tal-passjoni ta' Kristu ( slaleb, il-kura tax-xewk, lanza etc). Barra minn hekk l-istatwa ghandha f'idejha oggetti prezzjuzi rregalati mill-fidili wara li dawn ikunu rcevew xi grazzji bl-intercessjoni ta' Marija Addolorata. Jinghad li din l-istatwa kienet propjeta' tal-familja nobbli Foriana u moghtija bjal rigal lill-Knisja. L-awtur ta' din il-vara ma hux maghruf.

Biex inkomplu fuq Hadd il-Ghid gewwa Ischia, irridu nghidu li hemm tradizzjoni li gejja sa minn zmien 1600 msejha il-girja ta' l-anglu li tfakkar il-mument tal-laqgha ta' Kristu ma' ommu Marija wara lid an qamm mill-mewt. Fil-processjoni jingarru 4 statwi, wahda tal-Madonna wiccha mghotti b'velu abjad, Kristu Rxoxt, San Gwann l-Appostlu u l-Arkanglu Gabirjiel. Il-manifestazzjoni tisvolgi billi jqieghdu l-istatwi tal-Madonna u San Gwann f'salib it-toroq tat-triq principali u Kristu u l-Anglu fi tmiem il-quddiesa johorgu fi processjoni segwiti b'korteo zghir ta' nies filwaqt li ohrajn jistennewhom fil-gnub tal-girja. L-anglu jinkina tlett darbiet quddiem l-istatwa ta' Kristu Rxoxt biex imbaghad jigri halli jaghti l-ahbar lil Marija li Binha qam mill-imwiet skond kif kien qal. Darba wasal f'salib it-toroq tinghad ir-Regina Coeli ma' dawk prezenti. U kollox jirrpeti ruhu ghal tlett darbiet. Hekk kif jasal ghal ahhar girja jinkixef wicc il-Madonna biex hi tkun tidsta tara wicc Binha

fi stat glorjuz. Waqt li tkun ghaddejja din l-attivita' jintefghu petali tal-fjuri mill-gallariji, jkantaw u jcapcpu idejhom biex juru l-approvazzjoni taghhom u l-ferh.

## MUMENTI PRINCIPALI FIC-CELEBRAZZJONI TAL-GIMGHA MQADDSA GEWWA ISHCIA



L-ADDOLORATA F'MUMENT WAQT IL-PURCISSJONI F'WAHDA MIT-TOROQ TA' ISCHIA



IC-CELEBRANT IBIEREK IZ-ZEBBUG U L-PALM TAL  -FIDILI



IL-MADONNA B'WICC MGHOTTI BIL-VELU ABJAD GHAX GHADHA MA LTAQGHETX MA BINHA GESU' TISTENNA F'SALIB IT-TOROQ



IL-MADONNA GHADDEJJA MIT-TOROQ TA' ISCHIA WARA LI DIN TKUN ILTAQGHET MA' GESU' IRXOXT